NO HUMAN BEING IS ILLEGAL

# Immigrazzjoni u Protezzjoni Umanitarja

Sean Portelli

Reżoluzzjoni tal-Parlament Nazzjonali taż-Żgħażagħ 2017

# Nota Qasira

Din ir-reżoluzzjoni tal-Partit tal-Immigrazzjoni u Protezzjoni Umanitarja ġiet imfassla bl-intenzjoni li tkun ta' ġid għal dawk li huma vulnerabbli, u li huma fil-bżonn. Il-proposti tagħna huma miftuħin għad-diskussjoni, kif ukoll għal kull forma ta' kritika kostruttiva, bl-għan li l-proposti tagħna jittejbu u li jiġu meqjusin mill-mexxejja tar-Repubblika ta' Malta. L-għan ta' din ir-reżoluzzjoni, hi li nqajmu diskussjoni fuq dan is-suġġett kontroversjali għaliex nemmnu li tassew nistgħu nagħmlu differenza fil-ħajja ta' individwi li għaddew minn dan il-martirju.

# Taqsim tar- Reżoluzzjoni


| | |
|---|---|
| Preambolu | 3 |
| Iċ-Ċentri tal-Immiġrazzjoni | 4 |
| Protezzjoni Umanitarja u r-Residenza | 5 |
| Id-Drittijiet Umani | 7 |
| Il-Parteċipazzjoni Politika | 9 |
| L-Edukazzjoni, l-Lingwa u r-Reliġjon | 10 |
| Ix-Xogħol u l-Impjieg | 12 |
| Is-Saħħa | 13 |
| Awturi tar-Reżoluzzjoni | 14 |

# Preambolu

*Niftakru* li migrant huwa persuna li jimxi minn post għall-ieħor sabiex issib kundizzjonijiet aħjar,

*Infakkru* lil-qarrej bid-differenza bejn migrant u refuġjat, bl-aħħari tkun persuna li kienet imġiegħla biex titlaq minn pajjiża sabiex taħrab mill-gwerra, mill-persekuzzjoni, u mid-diżastri naturali,

*Nirrikonoxxu* d-differenza bejn refuġjat u bejn persuna li qed tfittex l-ażil, bl-aħħari tkun persuna li telqet mill-pajjiż tal-oriġini tagħha bħala refuġjat politiku, u li qed tfittex l-ażil f'pajjiż ieħor,

*Naċċettaw* il-prinċipji inkorporati fl-istrumenti basiċi tan-Nazzjonijiet Magħquda li jikkonċernaw id-drittijiet umani, partikolarment, id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem,

*Naċċettaw* ukoll il-prinċipji u l-istandards stabbiliti fl-istrumenti rilevanti, partikolarment dawk tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali,

*Konxji* mill-għanijiet u mill-limitazzjonijiet infurzati mill-Unjoni Ewropea fuq l-Istati Membri tagħha permezz tar-Regolament Numru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, magħruf ukoll bħala r-Regolament Numru Tlieta ta' Dublin,

# Iċ-Ċentri tal-Immigrazzjoni

1. Tikkundanna l-istat ta' kif jinstabu ċ-Ċentri Miftuħa tal-Immigrazzjoni;

2. Tipproponi li fiċ-Ċentri Miftuħa tal-Immigrazzjoni ta' pajjiżna, l-immigranti u r-refuġjati jingħataw aċċess għal bżonnijiet bażiċi;

    2.1 Tfakkar li f'dan il-każ, il-bżonnijiet bażiċi jieħdu l-forma ta' kura medika, li wieħed jirrikjedi;

3. Tħeġġeġ lil-Gvern tar-Reppublika ta' Malta biex joffri tagħlim rigward kif wieħed ikun jista jfittex impjieg, u kif wieħed ikun jista' jaħdem skont il-liġi;

    3.1 Tisħoq illi dan it-tagħlim ikun iktar aċċessibli għall-immigranti u għar-refuġjati preżenti fiċ-Ċentri Miftuħa tal-Immigrazzjoni;

4. Tissuġġerixxi li jsir tindif taċ-Ċentri Miftuħa tal-Immigrazzjoni;

    4.1 Tisħoq illi l-preżenza ta ċertu kumditajiet bażiċi u indafa jiġu meqjusa bħala forma ta' drittijiet;

    4.2 Tikkundanna kull forma ta' trattament ħażin mill-awtoritajiet;

    4.3 Tipproponi illi t-tali trattament ħażin ikun suġġet għall-multa jew għall-priġunerija, dejjem skont il-gravitá tas-sitwazzjoni;

# Protezzjoni Umanitarja u r-Residenza

5. Tħeġġeġ illi jitnaqqas ir-riskju ta' deportazzjoni;

   5.1 Tissuġerixxi illi immigrant jew refuġjat li jinstab impjegat fi kwalunkwe settur ekonomiku, jitnaqqaslu r-riskju ta' deportazzjoni;

   5.2 Tissuġerixxi illi immigrant jew refuġjat residenti f'Malta għal sitt snin jew iktar, jitnaqqaslu r-riskju ta' deportazzjoni;

   5.3 Tissuġerixxi illi immigrant jew refuġjat b'kondotta nadifa, mingħajr l-ebda storja ta' kontravenzjoni, jitnaqqaslu r-riskju ta' deportazzjoni;

6. Tispera illi kunsiderazzjoni tingħata għat-tfal imwielda lil individwi li mhumiex ċittadini Maltin u li laqas huma ċittadini ta' Stati Membri tal-Unjoni Ewropea;

   6.1 Tfakkar illi tfal imwielda lill-immigranti jew lir-refuġjati ġewwa Malta, ma jkollom l-ebda forma ta' ċittadinanza;

   6.2 Tiproponi illi tfal imwielda lill-immigranti jew lir-refuġjati ġewwa Malta, jingħataw ċittadinanza Maltija, kif ukoll li jkollhom id-dritt illi jkunu residenti ġewwa Malta;

   6.3 Tfakkar illi fir rigward ta' ġenituri li ħuma immigranti jew refuġjati ġewwa Malta, huma jkollhom id-dritt għar-residenza ġewwa Malta jekk jaqblu mal-kriterji msemmija fil-klawsola numru erbgħa;

7. Tissuġġerixxi li l-minuri jiġu assenjati gwardjan bil-kapaċitá li jirrappreżentahom u li jipprovdihom b'assistenza għal żmien massimu ta' ħamest ijiem;

8. Tipproponi li l-minuri jingħataw aċċess għall-edukazzjoni sakemm tiġi proċessata l-applikazzjoni tar-residenza tagħhom;

9. Tagħraf illi filwaqt li l-kriterji sabiex immigrant jakwista ċ-ċittadinanza Maltija huma żbilanċjati meta wieħed iqabbilhom ma Stati Membri oħrajn ġewwa l-Unjoni Ewropea;

    9.1 Issostni ukoll li jeżistu numru ta' kriterji li mhumiex aċċessibli mill publiku;

    9.2 Tissuġġerixxi li dawn il-kriterji għandhom jingħataw aktar trasparenza sabiex immigranti u refuġjati jingħataw residenza b'mod aktar ġust;

    9.3 Tagħraf li hemm bżonn ta' kriterji ċari u pubbliċi li hemm bżonn jintlaħqu biex isiru eleġibbli għan-naturalizzazzjoni;

    9.4 Tiskoraġġixxi il-poter diskrezzjonali, u mingħajr xkiel tal-Ministru għandu jitneħħa biex nagħmel il-proċess iktar trasparenti u ġust;

    9.5 Tissuġġerixxi wkoll li l-immigranti jingħataw it-taħriġ meħtieġ fir-rigward ta' dawn il-kriterji;

    9.6 Tifhem li r-rekwiżit, li huwa ħamsa u sebgħin fil-mija, sabiex jgħaddu mill-korsijiet tal-integrazzjoni u l-lingwa huma pjuttost għoljin u b'hekk għandhom jiġu mnaqqsa;

    9.7 Tifhem ukoll li l-medda taż-żmien biex tgħaddi l-korsijiet huwa wisq qasir, speċjalment għall-ħaddiema f'impjieg full-time, u b'hekk għandu jiżdied;

10. Tifhem l-importanza tar-riunifikazzjoni tal-familja, u twessa d-definizzjoni tat-terminu *familja* biex tinkludi *l-imsieħba*;

# Id-Drittijiet Umani

11. Taqbel illi immigrant jew refuġjat ikollu d-dritt illi jieħu l-każ tiegħu quddiem il-qrati tar-Repubblika ta' Malta;

    11.1 Tagħraf illi meta immigrant jew refuġjat jieħu l-każ tiegħu quddiem il-qrati tar-Repubblika ta' Malta ma jkollux dritt għall-appell għal kwistjonijiet relatati maċ-ċittadinanża;

    11.2 Tħeġġeġ lil-Leġislatur biex jieħu passi sabiex jipprovdi d-dritt għall-appell għad-deċiżjonijiet meħuda mill-qrati tar-Repubblika ta' Malta rigward każi relatati maċ-ċittadinanza;

12. Tħeġġeġ lill-Gvern tar-Repubblika ta' Malta biex jagħmel referenza għad-dinjitá tal-bniedem waqt li jikkunsidra d-drittijiet fundamentali tal-individwu meta jaħdem mal-immigranti u r-refuġjati;

13. Taqbel mal-white paper ippublikata mill-Ministeru għad-Djalogu Soċjali, Affarijijet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili, fuq il-proposta għat-twaqqif ta' Kummisjoni għad-Drittijiet Umani u l-Ugwaljanza;

    13.1 Tipproponi li l-Kummisjoni għad-Drittijiet Umani u l-Ugwaljanza jkolla saħħa ta' infurzar, waqt li tkun miftuħa għal kulħadd;

    13.2 Tafferma li l-Kummisjoni għad-Drittijiet Umani u l-Ugwaljanza mhix se tkun sostitut għall-istituzzjonijiet u awtorijiet oħrajn;

    13.3 Tafferma mill-ġdid illi l-Kummisjoni għad-Drittijiet Umani u l-Ugwaljanza mhix se tindaħal jew tieħu taħt il-mandat tagħha kwistjonijiet kurrenti tad-Drittijiet Umani li jaqgħu taħt istituzzjoni jew awtoritá oħra;

14. Tipproponi li l-Kummisjoni għad-Drittijiet Umani u l-Ugwaljanża taġixxi bħala medjatur bejn l-Eżekuttiv u bejn Għaqdiet mhux Governattivi;

14.1 Tirrakkomanda li l-istess Kummisjoni tikkonsulta ma diversi Għaqdiet mhux Governattivi qabel ma tipproponi ċertu leġislazzjoni, jew qabel ma jinħareġ Abozz ta' Liġi;

15. Tikkunsidra li l-Kummisjoni taħdem bħala għassiesa sabiex tara li ċertu standards internazzjonali ta' drittijiet umani qedgħin jiġu sodisfatti;

16. Tikkundanna l-abbuż iffaċċjat mill-immigranti u mir-refuġjati, mill-awtoritajiet responsabbli għall-infurzar tal-liġi;

17. Tipproponi illi l-Kummissjoni għad-Drittijiet Umani u l-Ugwaljanza tissalvagwardja kontra t-tali abbuż u tinvestiga l-ilmenti magħmulin kontra t-tali awtoritá;

# Il-Parteċipazzjoni Politika

18. Tagħraf illi l-parteċipazzjoni politika hija mod demokratiku ta' kif immigrant jew rufġjat jista jħossu li jagħmel parti mis-soċjetá Maltija;

    18.1 Tinkoraġġixxi li immigrant illi jaħdem ġewwa Malta u li jħallas il-kontribuzzjonijiet neċessarji skont il-liġi tar-Repubblika ta' Malta, għandu jingħata l-opportunitá li jsemma' leħnu;

    18.2 Tipproponi illi din tiġi implimentanta bit-twaqqif ta' diversi għaqdiet li jsemmgħu l-leħen tal-immigranti gewwa l-gżejjer Maltin;

# L-Edukazzjoni, il-Lingwa, u r-Reliġjon

19. Tfakkar illi l-ksenofobija hija problema serja kemm ġewwa Malta, kif ukoll ġewwa l-Ewropa;

    19.1 Tisħoq li hija importanti li l-problema tiġi indirizzata mill-għeruq tagħha;

    19.2 Tipproponi li programm edukattiv jiġi mfassal sabiex jiġu mgħallma valuri differenti minn pajjiżi differenti, għax l-għarfien jista' jwassal għat-tolleranza;

20 Tispera illi jkun hemm opportunitajiet ta' xogħol ugwali kemm għall-immigranti, kif ukoll għar-refuġjati;

    20.1 Tipproponi programmi edukattivi li jipprovdu taħriġ f'diversi ħiliet, minn setturi sekondarji, u minn setturi terzjarji;

21. Tispera illi l-iskejjel ikunu l-ewwel opportunitá sabiex it-tfal iħossuhom sikuri soċjalment, u sabiex jitgħallmu l-lingwa, u l-kultura;

    21.1 Titlob illi t-tfal refuġjati jkomplu mal-klassijiet b'mod regolari, pero dan iseħħ billi jingħataw għajnuna, partikolarment f'xi suġġetti fejn tinstab li ħemm diffikultá għalihom biex ilaħħqu mal-bqija tal-istudenti;

    21.2 Tipproponi illi t-tfal refuġjati jitpoġġew qrib studenti Maltin, ħalli, per eżempju dawk li jiġu minn pajjiżi b'lingwi Semitiċi jaqbdu l-Malti malajr;

    21.3 Tissuġġerixxi illi jitwaqqaf programm fejn studenti Maltin jistgħu jabbonaw lilhom infushom biex jgħinuhom;

22. Titlob illi tfal li mhumiex Kattoliċi jkollhom l-għażla li ma jipparteċipawx fl-lezzjonijiet tar-reliġjon Kattolika, pero ma jingħatawx tagħlim fuq reliġjonijiet oħra;

22.1 Tispera illi jiġu rrispettati t-tradizzjonijiet kulturali u reliġjużi ta' kull student, infatti jkun hemm apprezzament kulturali anke fost il-Maltin;

23. Tħeġġeġ illi jkun hemm taħriġ għall-għalliema sabiex ikun hemm apprezzament kulturali u biex tonqos id-diskriminazzjoni;

24. Tipproponi illi jingħataw xogħolijiet mal-ewwel, f'forma ta' internships, sabiex jitgħallmu huma u jaħdmu, waqt li jiġu provduti bi klassijiet qosra ftit drabi;

25. Tipproponi li ssir integrazzjoni fil-lingwa billi jkun hemm korsijiet tal-Ingliż, kif ukoll tal-Malti, finanzjata mill-Gvern;

26. Taqbel illi kull applikant għall-protezzjoni internazzjonali għandu jkollu aċċess għal edukazzjoni u taħriġ li jingħataw mill-istat f'Malta;

27. Tipproponi li l-għalliema għandhom ikunu infurmati sabiex ikollhom biżżejjed taħriġ biex it-tgħalim ġewwa l-klassi ikun iktar inklussiv, u biex il-materjal offrut mill-għalliema ma jkunx offensiv lejn ċertu kulturi u reliġjonijiet;

28. Tifhem illi l-istudenti għandħom ikollhom taħriġ dwar kulturi, lingwi u reliġjonijiet differenti, biex ikunu aktar infurmati u inklussivi;

29. Tisħoq li l-integrazzjoni iseħħ bl-isforz tal-barranin, u mhux biss tal-Maltin, b'hekk twiddeb li l-immigranti u r-refuġjati għandhom jitgħallmu l-Malti b'mod obbligatorju, u fl-istess ħin għandu jsir tgħarif dwar ir-reliġjonijiet differenti f'pajjiżna u dwar il-kultura' Maltija;

# Ix-Xogħol u l-Impjieg

30. Tagħraf li l-immigranti u r-refuġjati f'Malta jsibu diffikulta sabiex isibu x-xogħol;

31. Tissuġerixxi li l-permess għall-ħidma jiġi approvat flimkien mal-permess għar-residenza;

32. Tissuġerixxi wkoll li l-immiġrant innifsu għandu japplika għall-permess tal-ħidma minn jgħeddu sabiex jitnaqqas kull tip ta' ostaklu li jista' jżomm lil min iħaddem sabiex jikkunsidra l-applikazzjoni tal-immigrant, b'ħekk kemm residenti Maltin, kif ukoll l-immigranti jkunu suġġeti għal kundizzjonijiet ugwali;

33. Tipproponi li l-ħaddiem għandu jkollu aċċess ugwali għall-benefiċji bħal ċittadini Maltin;

    33.1 Taqbel illi t-taxxi u l-kontribuzzjonijiet legali meħtiega għandhom jiġu mħallsa;

34. Tissuġerixxi li tinħoloq sistemá fejn immigrant jew refuġjat b'ċertifikati akkademiċi akwistati f'pajjiżi barra mill-Unjoni Ewropea jkollu ċ-ċans li jiġu rikonoxxuti;

35. Tisħoq li l-immigranti jew r-refuġjati li jeħtieġu xi forma ta' edukazzjoni għandom jingħataw l-għajnuna meħtieġa mingħand il-Gvern Malti;

36. Tfakkar illi f'Malta l-ebda immigrant jew refuġjat m' għandu dritt li jingħata pensjoni, irrelevanti mix-xogħol li ħadem matul ir-residenza tiegħu fil-pajjiż;

    36.1 Tissuġerixxi li tiġi introdotta l-għotja ta' pensjoni għall-immigranti u refuġjati li huma eliġibli biex jaħdmu f'Malta u li jkunu ħalsu l-kontribuzzjonijiet u t-taxxi meħtieġa skont il-liġi ta' Malta;

# Is-Saħħa

37. Tagħraf li l-immigranti u r-refuġjati huma intitolati għall-kura medika;

    37.1 Tfakkar li f'dan ir-rigward, id-drittijiet tal-immigranti mhumiex ċari, u b'hekk hemm bżonn tibdil fil-politika tas-saħħa nazzjonali;

    37.2 Tipproponi li d-drittijiet tas-saħħa tal-immigranti jinghataw l-importanza dovuta, u li jkunu legalment formalizzati;

    37.3 Tenfasizza l-importanza ta' servizzi tas-saħħa speċjalizzata li hemm bżonn jiġu offruti għall-vittmi tat-tortura u t-trawma;

    37.3 Tingħata l-importanza tal-medjaturi kulturali mħarrġa u jintużaw b'mod kostanti fl-oqsma diversi tas-saħħa;

38. Tfakkar illi filwaqt li kull tip ta migrant huwa intitolat għal kura f'każ ta' emerġenza, ma jeżistux dokumenti li juru x'inhi emerġenza;

    38.1 Tissuġerixxi li jinħoloq dokument li jispeċifika l-każijiet ta' emerġenza, u fejn l-immigrant għandu aċċess għal kura medika;

38. Tipproponi programm ta' għajnuna psikoloġika għal persuna minuri li qed tfittex l-ażil, fi skejjel tal-gvern, partikolarment fejn ikunu qed jattendu numru kbir ta' barranin.

# Awturi tar-Reżoluzzjoni

| | | |
|---|---|---|
| Guiseppe Attard | Katrin Busuttil | Elaine Cachia |
| Jeremy Cardona | Simon Caruana | Patrick Farrugia |
| Sean Portelli | Emma Sammut | Matthew Scerri |
| Matthew Seychell | Céline Talbot | Clint Vassallo |
| Clare Vella | Manuel Zarb | |